MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2010

Citazzjoni Numru. 291/2006

**A B**

**-vs-**

**C B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentatat fil-11 ta’ Settembru 2006 li permezz tiegħu l-attur A B ippremetta:

1. Illi l-kontendenti żżewġu fil-ħamsa ta’ Ottubru tas-sena elf disa’ mija wieħed u disgħin (05.10.1991) u legalment separati *ai termini* ta’ kuntratt redatt minn Nutar Patricia Hall fit-tletin ta’ Mejju tas-sena elfejn u ħamsa (30.05.2005);

2. Illi miż-żwieġ tal-intimata mar-rikorrenti twieldu żewġt itfal li jisimhom D u E ta' erbatax (14) u sebgħa (7) snin rispettivament;

3. Illi r-rikorrenti ġie awtorizżat li jipproċedi b'din il-kawża skond id-digriet hawn anness u markat bħala Dokument 'A';

4. Illi skond klawżola numru għaxra (10) tal-kuntratt ta' separazzjoni, il-kura u kustodja tal-minuri D u E aħwa B tinsab fdata f'idejn l-intimata bi dritt ta' aċċess liberu għar-rikorrent u bi dritt ta' manteniment mir-rikorrenti versu t-tfal minuri ta' ħamsin lira (Lm50) fil-ġimgħa skond klawżola numru ħdax (11) tal-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni;

5. Illi r-rikorrenti obbliga ruħu fi klawżola numru tlettax (13) tal-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni lli jħallas l-ispejjeż kollha inkorsi għal edukazzjoni tal-minuri D u E aħwa B, liema spejjez ma jinkludix spejjeż ta' transport u li jħallas ukoll nofs l-ispejjez mediċi tat-tfal minuri, u dan hekk kif fil-fatt qiegħed jagħmel;

6. Illi d-dar matrimonjali għadha *tutt'ora* in komun bejn il-partijiet u dan għaliex minkejja l-fatt illi r-rikorrenti sab il-bejgħ tagħha, (bi prezz inqas minn dak indikat fil-kuntratt ta' separazzjoni) l-intimata qed tirrifjuta li tidher fuq il-kuntratt ta' bejgħ tal-fond matrimonjali;

7. Illi *circa* sitt (6) xhur ilu, l-intimata, ħarġet mid-dar matrimonjali bil-volonta' tagħha u marret tgħix x'imkien ieħor u preżentement qed tgħix Buġibba. Illi minkejja li l-intimata għandha l-kura u kustodja tat-tfal imuri, il-minuri D B uriet ix-xewqa li tibqa' tirrisjedi flimkien ma' missierha u hekk ilha tagħmel għal dawn l-aħħar sitt (6) xhur, fejn ir-rikorrenti qed jipprovdi għall-ispejjeż kollha tal-minuri D;

8. Illi barra minn hekk, il-minuri E ukoll qieghed juri x-xewqa li jmur jirjedi flimkien ma' missieru u oħtu, u iktar qiegħed iqatta' żmien ma' missieru u oħtu, u iktar qiegħed iqatta' żmien ma' missieru milli ma' ommu;

9. Illi l-intimata għandha diversi problemi fosthom dik tax-xorb;

10. Illi *di piu*, is-sitwazzjoni finanzjarja tar-rikorrenti aggravat ruħha drastikament *stante* illi huwa jaħdem bħala *'self-employed butcher'* u dan l-aħħar il-*business* tiegħu ma kenitx tirrendi kif kienet qabel u għalhekk ma jistax ikompli jobbliga ruħu li jagħti l-manteniment kollu lill-intimata għat-tfal minuri u fl-istess ħin imantni lilu nnifsu u jħallas ukoll l-ispejjeż kollha inkorsi għat-trobbija ta' D li, kif gja ingħad gja ilha istt (6) xhur tgħix ma' missierha u dan mingħajr għajnuna ta' xejn;

11. Illi klważola numru sitta u tletin (36) tal-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni jistipola illi d-dar matrimonjali li bħalissa jirrisjedi fiha r-rikorrenti tinbiegħx, il-partijiet għandhom jaqbdu li jirrivedu l-prezz u fin-nuqqas jaħtru perit;

12. Illi r-rikorrenti qabbad lil Perit Valerio Schembri sabiex jagħmel stima tal-fond matrimonjali u fil-fatt il-Perit ta' valutazzjoni ta' ħamsa u sittin elf lira Maltin (Lm65,000) (*vide* Dokument 'B' hawn anness);

13. Illi peress illi d-dar matrimonjali ilha minn Mejju elfejn u ħamsa (2005) għal bejgħ u sa issa għadu ma hemmx offerta fl-ammont ta' disgħin elf lira Maltin (Lm90,000) ir-rikorrenti rnexxielu jsib il-bejgħ tagħha għal prezz ta' sebgħa u sittin elf lira Maltin (Lm67,000) iżda l-intimata rrifjutat mingħajr ebda raguni valida sabiex tersaq għal kuntratt ta' bejgħ;

Tgħid għalhekk l-intimata għar-raġunijiet hawn fuq premessi il-għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri D u E aħwa B f'idejn ir-rikorrenti u konsegwentement ukoll tiddikjara li r-rikorrenti m'għandhux għalfejn ikompli jħallas lill-intimata l-manteniment dovut għall-minuri D u E aħwa B u tordna li r-rikorrenti għandu jirċievi ċ-*children's allowance* u kull ħlas jew benefiċċju maħruġ mill-Awtoritajiet kompetenti għal ħtiġijiet tal-minuri D u E aħwa B.

2. Sussidjarjament, f'każ illi din l-Onorabbli Qorti ma tilqax l-ewwel talba kif ċitata, tiddikjara li r-rikorrenti, ma huwiex qiegħed f'pożizzjoni finanzjarja li jagħti l-manteniment kollu dovut lil mara tiegħu għal minuri D u E aħwa B u tiffissa dik ir-retta alimentari li tirrispekka l-pożizzjoni finanzjarja l-ġdida tar-rikorrenti;

3. Tiddikjara u tiddeċiedi illi d-dar matrimonjali tista' tinbiegħ għal valur ta' anqas minn ħamsa u sittin elf lira Maltin (Lm65,000);

4. Tinnomina Nutar sabiex jippublika l-att ta' varjazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni kif jiġi ordnat minn din l-Onorabbli Qorti *in virtu* tat-talbiet preċedenti u tinnomina kuraturi biex jidhur fuq dan l-att minflok l-intimata jekk din tkun assenti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata li hija minn issa nġunta għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi.

Rat ir-risposta ġuramentata ppreżentata fit-3 ta' Novembru 2006, li permezz tagħha l-konvenuta C B eċċepiet bir-rispett:

a. Illi t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u huma ntiżi purament biex jivvessa lill-esponenta. Illi hu biżżejjed li jiġi osservat li l-attur għandu aċċess liberu biex jara t-tfal liema ħaġa ma tantx hi komuni f'kuntratti ta' separazzjoni, liema ħaġa turi u tikkombaċja mal-fatt li l-esponenta tħoss it-tfal għandhom igawdu l-ġenituri b'mod ampju u dan għall-aħjar żvilupp tagħhom kemm psikoloġiku, imma partikolarment b'mod emozzjonali.

b. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-attur filwaqt li qed jinqeda bit-tfal biex kemm jista' jkun jnaqqas l-obbligu ta' manteniment b'ħafna skużi qed jikkontradixxi ruħu *stante* li jrid il-kura u kustodja tat-tfal bil-konsegwenza li jekk dina l-Onorabbli Qorti takkorda dak

mitlub minnu, hu jkollu jmantnihom hu stess, liema ħaġa timmilita kontra dak dikjarat minnu!

c. Illi qed jiġi sollevat li kieku l-attur irid ikun iktar kredibbli, meta sar il-ftehim bonarju, fl-ebda stadju ma nsista li hu jkollu l-kura u kustodja tat-tfal, liema ħaġa turi nuqqas serju ta' konsistenza da parti tiegħu.

d. Illi apparti mis-suespost, *stante* li l-attur jaħdem għal rasu, u ċjoe' ta' *'butcher'* hu stess ikollu diffikulta biex jieħu ħsieb il-bżonnijiet tat-tfal, liema ħaġa qed jinjora għas-skopijiet ta' dawn il-proċeduri, u li turi xejn ħlief attitudini pikuża da parti tiegħi għas-spejjeż ta' wliedu.

e. Illi fl-aħħar mill-aħħar, dawn huma proċeduri purament vessatorji *stante* li peress li d-dar matrimonjali għadha komuni, bil-konsegwenza li kellha tinbiegħ u l-attur u immanuvra b'imġieba aggressiva biex ikeċċi l-esponenta mid-dar u b'mod abbusiv biddel is-serratura. Illi bħala konsegwenza, l-attur qed jara kif jagħmel biex il-post ma jinbiegħx u jżommu taħt il-kontroll assolut tiegħu u akkost ta' kollox! Illi dan qed jingħad meta għandu relazzjoni adultera ma' certa F, liema relazzjoni tinvolvi ċertament spejjeż partikolari u addizzjonali, u li turi li l-proċeduri qed isiru bi skop utilitarju.

f. Illi, *di piu,* l-ewwel prijorita' tal-esposenta hi t-tfal b'mod ampju biex b'hekk m'għandux ikun li t-tfal jiġu użati b'tali mod kif qed jipprova jagħmel l-attur, fejn il-konsegwenzi eventwali jkunu tali mod li t-tfal jispiċċaw ibatu minħabba dan l-aġir irresponsabbli tal-attur li qed juri xejn ħlief nuqqas ta' serjeta' fil-konfront tagħhom.

Salv, eċċezzjonijiet oħra.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat il-kontro-talba tal-konvenuta fejn eċċepiet:

1. Illi l-partijiet iżżewġu fil-ħamsa ta’ Ottubru 1991 u huma legalment separati skond il-kuntratt li sar quddiem in-Nutar Patricia Hall fit-30 ta’ Mejju, 2005.

2. Illi miż-żwieġ tagħhom il-partijiet għandhom żewġt itfal li għadhom minuri bl-ismijiet D u E aħwa B.

3. Illi għalkemm separati legalment minħabba raġunijiet imputabbli lir-raġel tal-esponenta, il-preżenza tal-attur iġġib xejn ħlief inkwiet u swat flimkien ma’ moħqrija w eċċessi li isssa ddeġenerat f’adulterju wkoll.

4. Illi għalkemm il-partijiet kienu ftehmu li d-dar matrimonjali tinbiegħ u mbagħad ir-rikavat jinqasam ugwalment l-attur kien qed iġib ruħu tali mod mal-esponenta li minħabba swat u trattament fiżiku inaċċettabli, l-esponenta beżgħet għal ħajjitha u *stante* il-*force majeure*, kellha titlaq mid-dar bil-konsegwenza li l-attur kien pront ibiddel is-serratura kif ukoll qed jgħix ma’ ċerta F f’relazzjoni adultera.

Jgħid għalhekk, l-attur rikonvenzjonat għaliex din l-Onorabbli Qorti m’għandhiex:

1. Tiddikjara u tikkonferma il-kundizzjonijiet tal-kuntratt ta’ separazzjoni li debitament ġie aċċettat mill-partijiet li sar quddiem in-Nutar Patricia Hall fit-30 ta’ Mejju, 2005.

2. Tordna l-iżgumbrament tal-attur mid-dar matrimonjali *ad* esklużjoni tal-esponenta *stante* l-imġieba vjolenti tiegħu li qed isservi ta’ perikolu u ħsara *sia* lill-esponenta kif ukoll lit-tfal minuri.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta tal-attur rikonvenzjonat A B datata 16 ta’ Novembru 2006 li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi l-esponenti rikonvenzjonat ma jaqbilx ma’ l-ewwel talba tal-konvenuta rikonvenzjonata u dan *in vista*

tat-talbiet li l-esponenti ressaq quddiem din l-Onorabbli Qorti u għalhekk din it-talba għandha tiġi miċħuda.

2. Illi t-tieni talba tal-konvenuta rikonvenzjonata għandha tiġi miċħuda u dan għaliex l-istess mertu ġja' ġie deċiż minn din l-Onorabbli Qorti u għalhekk din l-istess talba hija *res judicata* (*vide* d-dokument hawn anness u mmarkat bħala Dok RG).

Illi l-Qorti semgħet il-provi;

Rat l-atti proċesswali u senjatament il-verbali tas-seduti li saru quddiem l-Assistent Ġudizzjarju appositament nominata;

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Novembru 2010 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza fuq talba tad-difensur tal-attur in vista tal-fatt li l-konvenuta baqgħet ma ppreżentatx provi *nonostante* l-fatt li ngħatat l-opportunita' tagħmel dan diversi drabi;

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher mir-rikors promotur l-attur qed jitlob li jiġi mogħti l-kura u kustodja ta' wliedu li skond il-kuntratt ta' separazzjoni bejnu u l-konvenuta, kienu sal-lum affidati f'idejn l-istess konvenuta. Talab ukoll illi tinbiegħ id-dar konjugali tinbiegħ iżda din il-verenza hija riżolta għaliex fil-mori tal-kawża d-dar effettivament inbiegħet (verbal tat-2 ta' Ġunju 2008).

Għandu jingħad illi l-affidavits tal-attur għal xi raġuni mhumiex fl-atti tal-kawża, madankollu l-Qorti jidhrilha li peress li hemm biżżejjed provi u l-konvenuta naqset li tipparteċipa fil-kawża, u billi fin-nofs hemm il-kustodja tal-minuri, se tiddeċiedi l-kawża a bażi tal-provi li għandha quddiemha. Naturalment normalment, dak li jkun ġie miftiehem f'kuntratt ma jistax jiġi mibdul, iżda dan ma japplikax għal dak li jirrigwardja l-*benessere* tal-minuri li fir-rigward f'kull ħin il-Qorti tista' tintervjeni fl-aħjar interess tal-istess minuri. <u>Il-Qorti tagħmilha ċara li l-obbligu tal-</u>

attur biex imantni lill-konvenuta skond il-kuntratt, għandu jibqa' jseħħ għaliex din hija obbligazzjoni kontrattwali.

F'ġudizzju ċivili l-Qorti trid tiddeċiedi fuq il-*preponderanza tal-probabbiltajiet* (**"Zammit vs Petroccochino"**, Appell Kummerċjali, 25 ta' Frar 1952 ); il-Qorti allura jeħtieġ li tara jekk verżjoni waħda teskludix lill-oħra fuq bilanċ ta' probabbiltajiet; *b'hekk jiġi evitat ir-riskju li l-Qorti taqa' fuq l-iskappatoja tad-dubju u ssib refuġju mir-regola 'in dubio pro reo'* – **"Enrico Camilleri vs Martin Borg"**, (Appell Inferjuri, 17 ta' Marzu 2003). Naturalment bid-dovut rigward tal-interess tal-minuri, dan japplika f'kull kawża ċivili u billi kien biss l-attur li ressaq provi, il-Qorti se tistrieħ fuq dak li ġie imressaq quddiemha.

Illi ma jidhirx li hemm dubju li l-minuri qed jgħixu ma' l-attur u għalhekk il-Qorti tħoss li s-sitwazzjoni legali għandha tirrispekkja dik fattwali. Naturalment isegwi li l-obbigazzjoni li jħallas lill-konvenuta għall-manteniment tat-tfal għandha tieqaf sakemm dan l-istat jipperdura. Mir-rapporti illi ġew esebiti mill-uffiċjal tal-pulizija jidher illi l-mod kif qed iġġib ruħha l-konvenuta mhuwiex idoneju biex tkompli trabbi lil uliedha hi. Kwantu għal kontro-talba tagħha, filwaqt li l-ewwel talba ma tagħmel ebda sens legali, it-tieni waħda ġiet sorvolata bil-bejgħ tal-proprjeta in kwistjoni.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tielet talba *stante* l-verbal tat-2 ta' Gunju 2008, u t-tieni talba *in vista* ta' dak li se jiġi deċiż; tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta u tilqa' l-ewwel talba (b'dan li l-konvenuta jkollha aċċess liberu għall-minuri); tilqa' wkoll ir-raba' talba tal-attur u tinnomina lin-Nutar Silvana Borg Caruana biex tippubblika l-att relattiv u lill-Avukat Dottor George Anton Buttigieg bħala kuratur tal-kontumaċji. Il-kuntratt għandu jiġi pubblikat f'jum, ħin u lok iffissat mill-Qorti fuq talba tan-Nutar nominand. Tiċħad l-ewwel talba tal-konvenuta u tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni talba tagħha.**

**L-ispejjeż tal-kawża fiċ-ċirkostanzi jkunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------